

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/502**tad-29 ta' Marzu 2022****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 fir-rigward tal-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2021, Azelis Denmark A/S ("l-applikant") ressaq applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2065/2003, fejn talab bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir "Scansmoke PB 1110" kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 ⁽²⁾.
- (2) Fl-applikazzjoni, l-applikant iddikjara li l-awtorizzazzjoni għall-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110" kellha tiġi ttrasferita lil proFagus GmbH. B'appoġġ għad-dikjarazzjoni tiegħu, l-applikant ipprova l-ftehim ta' trasferiment konkluż bejnu u proFagus GmbH fir-rigward tal-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110".
- (3) Il-bidla proposta tad-detentur tal-awtorizzazzjoni hi purament waħda amministrattiva fin-natura tagħha u ma tirrikjedix valutazzjoni mill-ġdid tal-addittivi kkonċernati.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013 jiġi emendat skont dan.
- (5) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel, huwa xieraq li jiġi previst li l-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110", kif ukoll it-taħwir bl-affumikazzjoni derivati minnu u l-ikel li fihom dawn, jikkonformaw mar-regoli li japplikaw qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jitmieghdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013**

Fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013, l-entrata dwar il-prodott primarju tat-taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110" hija emendata kif ġej:

- (1) fit-tielet ringiela, "Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni", il-kliem "Azelis Denmark aA/S" huma sostitwiti bil-kliem "proFagus GmbH";

⁽¹⁾ ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' prodotti primarji awtorizzati ta' taħwir bl-affumikazzjoni għall-użu bħala tali fl-ikel jew fuq l-ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivati (ĠU L 333, 12.12.2013, p. 54).

- (2) fir-raba' ringiela "L-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni", il-kliem "Lundtoftegaardsvej 95, 2800 Lyngby, ID-DANIMARKA" huma sostitwiti bil-kliem "Uslarer Str. 30, 37194 Bodenfelde, IL-ĠERMANJA".

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

Il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni "Scansmoke PB 1110" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1321/2013, kif ukoll it-taħwir bl-affumikazzjoni derivati minnu u l-ikel li fihom il-prodott primarju ta' taħwir bl-affumikazzjoni jew it-taħwir bl-affumikazzjoni derivati minnu, li huma prodotti u ttikkettati qabel id-19 ta' April 2022 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-19 ta' April 2022 jista' jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
